MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2007

Appell Civili Numru. 1543/2005/1

**Albert Farrugia**

**vs**

**Peter Galea u Simon Galea**

**Il-Qorti,**

Fil-5 ta' Gunju, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab hlas tas-somma ta' Lm600 jew somma verjuri rapprezentanti hsarat f'l-appartament 4 Manila Court Triq Ras il-Qawra, Qawra b'rizultat ta' perkolazzjoni ta' ilma mill-appartament numru 6 f'l-istess blokk ta' appartamenti ghal liema hsara huma responsabbli l-konvenuti jew min minnhom b'l-ispejjez.

Ra r-risposta li permezz taghha l-konvenuti eccipew li fil-konfront ta’ Peter Galea t-talbiet attrici huma nfondati ghax ma ghandux relazzjoni giuridika ma’ l-attur; u fil-konfront ta’ Simon Galea t-talbiet attrici wkoll ghandhom jigu michuda stante li mhux responsabbli ghad-danni reklamati u li kwalunkwe kaz l-ammont ta’ danni reklamati huwa esagerat.

Ra x-xhieda ta’ l-attur Albert Farrugia, tal-Periti Fredrick Doublet u Frank Giordimaina Medici u tal-konvenut Simon Galea.

Ra d-dokumenti esebieti.

Sema t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra

Jirrizulta mill-atti li l-attur huwa propjetarju ta’ l-appartament numru 4 fil-blokk jismu Manila Court fi Triq Ras il-Qawra, Qawra. Dan l-appartament kien mikri lill-Perit Frank Giordmaina b’kera ta’ Lm120 fix-xahar.

F’xi zmien ghall-ahhar tas-sena 2004 jew ghall-bidu tas-sena 2005 l-inkwilin ra sinjali ta’ perkolazzjoni ta’ ilma mill-appartament sovrastanti. Bdew id-diskussjonijiet mal-konvenuti pero l-problema mhux talli ma ssolvietx talli kompliet tagrava b’mod li anke beda jqattar l-ilma. F’dawn ic-cirkostanzi l-inkwilin ttermina l-lokazzjoni.

L-attur kompla bid-diskussjonijiet mal-konvenuti u s-socjeta assikuratrici taghhom pero minghajr ezietu pozittiv fis-sens li hadd minnhom ma resaq biex jaghmel tajjeb ghall-hsarat subieti. L-attur ghalhekk ghamel ix-xogholijiet ta’ riparazzjoni huwa stess, u talab hlas tad-danni subiti lill-konvenuti. Dawn baqaw ma hallsux ghalhekk ghamel din il-kawza kontra z-zewg konvenuti.

L-attur (permezz ta’ l-Avviz) talab is-somma ta’ Lm600 (jew somma verjuri) rapprezentanti l-ispejjez rinkorsi u t-telf ta’ kera peress li ghal xi xhur ma setax jikri l-appartament. L-attur prezenta rendikont (Dok AF6 a fol

27) fejn indika l-ammont ta’ Lm641.01 bhala danni subiti bid-dettalji ta’ kif wasal ghal dan l-ammont. It-talba saret fil-konfront ta’ zewg konvenuti Peter Galea u Simon Galea; Simon Galea huwa iben Peter Galea.

Mill-atti jirrizulta li l-appartament numru 6 u li minn go fih beda jipperkola l-ilma huwa propjeta ta’ Simon Galea (ref kuntratt Dok SG1 a fol 52). Konsegwentement Peter Galea, minkejja li kien involut fid-diskussjonijiet ma’ l-attur ma ghandu l-ebda interess guridiku f’din il-kwistjoni u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-giudizzju.

Mill-atti jirrizulta wkoll b’l-aktar mod car (u mhux kontestat) li kien hemm ilma li kien qed jipperkola mill-appartament numru 6, propjeta ta’ Simon Galea. Jirrizulta wkoll li din il-perkolazzjoni ta’ l-ilma ikkawzat danni f’l-appartament ta’ l-attur. Konsegwentement dawn id-danni ghandhu jaghmel tajjeb ghalihom il-konvenut Simon Galea.

Dawn id-danni ma kienux limitati ghal hsara f’l-appartamenti imma anke f’telf ta’ kera minhabba li ghal xi xhur sakemm sar ix-xoghol ta’ riparazzjoni l-attur ma setax jikri l-appartament.

L-ammont indikat mill-attur bhala danni subieti huwa wiehed gustifikat fis-sens li huwa konfermat minn invoices u ricevuti ghal dak li huwa spejjez rinkorsi. Ghal dak li jirrigwarda telf ta’ kera ghalkemm ma giex esebiet il-kuntratt ta’ kera (jekk fil-fatt tesiesti skrittura) it-Tribunal ma sab xejn li jista jwasslu biex jiddubita f’dak li qal l-attur li huwa kien jircievi kera ta’ Lm120 fix-xahar, ghalhekk anke dawn jidhru gustifikati.

Ir-rendikont dettaljat tal-attur jiggustifika danni f’l-ammont ta’ Lm640.01 pero f’l-avviz huwa talab Lm600 ghalhekk it-Tribunal ikollu jillimita danni pagabbli ghas-somma ta’ Lm600.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi, filwaqt li jillibera lill-konvenut Peter Galea mill-osservanza tal-gjudizzju, jilqa t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Simon Galea u jikkundanna lill-konvenut Simon Galea

jhallas is-somma ta’ sitt mitt lira Maltija (Lm600). Spejjez kollha huma a karigu tal-konvenut Simon Galea.”

Minn din is-sentenza appella l-konvenut Simon Galea li talab ir-revoka taghha b’ dawn l-aggravji:-

(i) It-Tribunal applika l-ligi hazin bil-mod kif iddecieda fuq l-eccezzjoni tieghu tan-nuqqas ta’ responsabilita`. Huwa jikkontendi li l-attur kellu jipprova l-kolpa jew id-dolo tieghu u la dan ma ghamlux hu ma jistax jinzamm responsabbli ghall-hsarat li ma kienx jaf, u ma setax ikun jaf, l-origini taghhom;

(ii) It-Tribunal ma hax konsiderazzjoni xierqa tal-provi. F’ dan il-kuntest l-appellanti jissottometti li mill-provi rrizulta li l-attur ikkontribwixxa ghall-hsarat. Dan ghaliex ma hax azzjoni tempestiva biex ma jkomplux jaccelleraw il-hsarat;

(iii) Id-danni reklamati u kanonizzati huma ezagerati. Dan relattiv ghat-telf ta’ kera u hsara fil-*geyser*;

Il-Qorti behsiebha tikkonsidra dawn l-aggravji fl-ordni li tressqu, anke ghaliex jekk l-appellanti ghandu ragun fl-assunt tieghu kostitwit bl-ewwel ilment ta’ indoli legali jkun futili li din il-Qorti imbaghad, tinvesti l-aggravji l-ohra;

Bi preliminari ghall-istharrig ta’ l-ewwel aggravju dedott huwa risaput illi skond il-ligi taghna presuppost generali tar-responsabilita` hu kostitwit bid-*dolo* jew bil-*colpa*. Ghandu jigi osservat pero` illi skond id-duttrina moderna l-fonti primarju tar-responsabilita` mhix dejjem ravvizabbli f’ imgieba mputabbli minn dolo jew kolpa tant li jezisti dibattitu vivaci jekk ghandhomx jigu kkonsidrati kriterji ohra rilevanti. Dan qed jigi rilevat ghaliex anke fl-istess Kodici Civili taghna flimkien mal-kolpa jew dolo bhala elementi li jikkaratterizzaw l-illecita` jezistu sitwazzjonijiet ta’ responsabilita` specjali fejn l-obbligu tar-rizarciment

jissussisti bil-fatt tal-verifika tad-dannu.  Ara, ad ezempju, Artikoli 1034 u 1037;

Dan premess, u cionostante, jidher fl-istat prezenti tal-ligi li r-responsabilita` ghall-fatt doluz jew kolpuz hi r-regoli generali mentri d-disposizzjonijiet specjali, li ma jirrekjedux il-kolpa, jikkostitwixxu l-eccezzjoni. Strettament il-kwestjoni hawn involuta mhix din imma hi wahda kollegata mal-piz tal-provi, jigifieri jekk kienx jaggrava fuq l-attur appellat li jipprovdi prova tal-kolpa fl-appellanti;

In linea ta' principju generali ghall-ezistenza tal-htija jrid ikun hemm il-prova tal-kolpa, u billi hu l-attur li jallega din il-prova tmiss lilu.  Hekk allura, b' illustrazzjoni, jinsab ritenut illi "*il vicino il cui fabbricato è incendiato come conseguenza dell' incendio sviluppato in uno stabilimento vicino, se chiede una indennita` al conduttore o proprietario di tale stabilimento, ha l' onere della prova della colpa di tale proprietario o conduttore perche egli invoca contro di lui un diritto che non ha altro fondamento che la colpa di colui contro il quale il reclamo vien fatto*" (**Kollez. Vol. XXV  P III  p 768**).  Dan, izda, mhux dejjem hu hekk il-kaz;

Hu difatti rikonoxxut illi jezistu kazijiet fejn il-fatti dannuzi juru l-impronta tal-htija, b' mod li min ikun ipprova dawk il-fatti ghandu jinftiehem li pprova wkoll il-htija u allura jkun obbligu ta' min ikun kagun ta' dawk il-fatti li jipprova li hu ma kellux htija filli ssuccieda.  Jinghad a propositu, b' ezemplari, illi "*all' attore incombeva soltanto la prova del danno sofferto e non stava a lui di provare che la causa di quel danno fosse stato la colpa dell' operaio*" (**Kollez. Vol. XXIV  P I  p 893**).  Dan kien kaz fejn id-dannu pretiz fil-mutur kien kagonat minn haddiem fil-kors ta' l-ezekuzzjoni tat-tiswija tieghu.  Issokta jinghad f' din l-istess decizjoni illi "*spettava al convenuto di dimostrare che egli nell' esecuzione di quel lavoro aveva adoperato la diligenza, la prudenza e l' attenzione da lui dovuta e che il danno fosse*

*attribuito non a sua colpa ma al caso fortuito o ad altre cause estranee da lui indipendenti*";

Hawnhekk, tista' tghid, qeghdin f' sitwazzjoni konsimili. Kull ma kellu jipprova l-attur kien il-fatt ta' l-ingress ta' l-ilma fil-fond tieghu provenjenti mill-appartament sovrastanti, proprjeta` ta' l-appellanti. Hi din il-prova tan-ness materjali tal-kawzalita` bejn l-ingress ta' l-ilma u d-dannu verifikat li kienet tinkombi fuq l-attur. Dan ghaliex fil-kaz prezenti ninsabu fil-presenza tar-responsabilita` oggettiva, hekk krejata mis-sitwazzjoni taz-zewg fondi, ghal liema jghoddu wkoll il-principji tar-*res ipsa loquitur*. In bazi ghal dawn il-konsiderazzjonijiet l-ewwel aggravju ma jistax jigi akkolt;

Fir-rigward tat-tieni aggravju ma tistax tigi accettata l-asserzjoni ventilata mill-appellanti illi l-attur agevola jew b' xi mod ikkontribwixxa ghall-accelerazzjoni tal-hsarat fil-fond tieghu. Jirrizulta, invece, illi hekk kif appena kien a konoxxenza tas-sitwazzjoni potenzjalment dannuza ghal fond tieghu huwa ha passi immedjati billi kkomunika ma' l-appellanti biex dan jirrimedja. Jidher ukoll illi l-appellanti ha z-zmien tieghu biex jikkonduci t-testijiet u jaghmel ix-xoghol riparativ okkorrenti minn naha tal-fond tieghu. F' dawn ic-cirkustanzi anke allura dan l-aggravju qed jigi skartat;

Fil-kaz ta' l-ahhar aggravju din il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi fl-istadju tal-kompilazzjoni tal-provi quddiem it-Tribunal l-appellanti minn imkien ma jirrizulta li kkontesta l-kwantum tad-danni reklamati. Dan la permezz ta' kontro-ezami u lanqas b' xi talba ghall-hatra ta' espert tekniku. La dan ma ghamlux ma jistax jippretendi li din il-Qorti ta' revizjoni tikkonverti ruhha f' qorti ta' prim' istanza biex tintrattjeni ruhha fuq ilment dwar danni li l-kwantum taghhom ma giex, kif imiss, ikkontestat skond l-ordni processwali li kien jispetta lilhom. F' kull kaz tajjeb li jigi mfakkar illi l-kwestjoni ta' x' inhu ragonveoli li jaghmel id-danneggjat biex jimmitiga l-hsara hi kwestjoni ta' fatt u l-

oneru tal-prova f’ dan ir-rigward specifiku jaqa’ fuq il-konvenut.  Ara “**Joseph Aquilina -vs- Emmanuele Schembri**”, Appell Ciivli, 24 ta’ Jannar 1969.  Prova bhal din baqghet ma saretx u dan igib li l-ilment hu ghal kollox insostenibbli.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------